# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 736/97

Anthony Sant

vs

Chairman Telemalta Corporation

Illum 29 ta' April, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b' mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1987 huwa sofra ingustizzja f'li tnehhielu kuntratt ta' garr ta' haddiema u nghata iehor inferjuri ghal dak li kellu.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Huwa dahal jahdem mat-Telemalta b'kuntratt fl-1986 bhala driver self employed. Xogholu kien il-garr ta' haddiema tat-Telemalta

lejn u lura mill-lantijiet tax-xoghol. Dak iz-zmien kellu kuntratt ta' hlas ta' Lm11.00 kuljum.

Ftit xhur wara li nbidel il-Gvern fl-1987 twaqqaflu l-kuntratt li kellu u gie offrut iehor inferjuri hafna b'inqas hlas. Billi huwa kellu familja xi jmantni u ma kellux xoghol iehor alternattiv ma kellux triq ohra hlief li jaccetta dan il-kuntratt. B' hekk beda jitlef mal Lm5.00 kuljum.

Ta' min isemmi li haddiehor li kien qieghed jaghmel l-istess xoghol bhalu u li kien qieghed jithallas aktar minnu baqa' jithallas l-istess minghajr tibdil fil-kuntratt originali li kien iffirma qabel l-1987.

Ghaldaqstant hass li huwa gie diskriminat ingustament, minhabba t-twemmin politiku tieghu u b' hekk sofra danni finanzjarji.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu, lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jigi kkumpensat ghal dak kollu li huwa gie mtellef ingustament skond kif tiddeciedi l-Qorti, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' ….

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-korporazzjoni intimata li eccepiet:

1. Illi l-korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ingustizzja mar-rikorrent b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita fit-termini tal-ligi.

2. Illi ma jirrizultax li r-rikorrent qabel l-1986 kellu kuntratt bi hlas ta' Lm11 kif allegat minnu. Ir-rikorrent ghandu jaghti prova dokumentarja ta' dan biex ikunu jistghu isiru l-verifiki u jinghataw l-ispjegazzjonijiet opportuni.

3. Illi f'Mejju 1987 il-Korporazzjoni kienet harget tender ghall-garr ta' haddiema minn u ghal Maghtab. Ir-rikorrent kien applika ma ohrajn u t-tender tieghu rrizultat l-irhas ma dik ta' certu Reginald Calleja. Dawn it-tnejn peress li kienu gew l-istess intalbu jaghmlu riduzzjoni u effettivament intaghzel ir-rikorrent li b'dan il-mod spicca b'ahjar offerta. B'dan il-mod ir-rikorrent kien idahhal Lm8 kuljum. Il-kuntratt kien ghal massimu ta' sentejn u l-korporazzjoni onorat il-ftehim skond it-tender.

4. Illi r-rikorrent ghandu jaghti dettalji ahjar dwar l-allegazzjoni tieghu li haddiehor li kien qieghed jaghmel l-istess xoghol kien jithallas ahjar biex il-korporazzjoni tkun f'qaghda li tirrispondi.

5. Ghaldaqstant il-korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra n-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta` intimata li l-ilment tar-rikorrent ma jaqax taht il-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal kif stabbilit bl-Artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn semma li dahal mat-Telemalta bhala "sub-contractor" ma' certu Giljan ghall-garr ta' passigieri lejn l-ufficini ta' Wied Rini u ta' Benghajsa. Wiehed beda jahdmu hu. Semma li kien jithallas direttament minn Giljan u mhux mit-Telemalta. Wara Giljan itterminalu l-impjieg. Wara ha xoghol direttament mit-Telemalta u kien jiehu l-passiggieri kuljum fl-ufficcini tal-Maghtab. Il-hlas li kien jircievi kien ta' Lm11 kulljum. Kien osserva li t-tfal ta' Giljan li kien jahdem mieghu precedentement kienu jithallsu ahjar. Wara l-elezzjoni s-

Segretarju Parlamentari Pierre Muscat kien baghat ghalih fl-ufficcju tieghu u qallu li issa jew jahdem kif jghidlu u jordnalu jew jitlaq u cioe` jithallas ghal kull vjagg doppju u Lm2 ghal naha wahda biss. Meta ma jkunx hemm vjaggi ma jithallasx. Sostna li fuq rotot ohra anqas biss kienu johorgu t-tenders.

In kontro ezami semma li wara ffirma l-kuntratt hu direttament mal-Maltacom Giljan kellu hlas aktar minnu meta kellu l-istess xoghol tieghu. Sar jaf wara li ffirma l-kuntratt tieghu.

Xehed <u>David Buttigieg</u> rapprezentant tal-Maltacom li kien ra l-adjudication report ta' tender ghall-habta ta' Lulju 1987. Ir-rikorrent kien qieghed elenkat bhala tender no. 7 u dak li fil-fatt qieghed elenkat bhala tender no. 6 ikkwota l-istess prezzijiet, kienu ndaqs. U dawn kienu l-orhos. Jidher mbaghad li aktar tard kienu talbuhom inaqqsu l-ammont, fil-fatt dan jirrizulta li naqsu l-prezzijiet kif jirrizulta minn dok DB1. Fil-fatt hekk gara. Ezebixxa letter of acceptance tar-rikorrent u fil-fatt inghata tender. Din it-tender kienet inghatat lilu biss dejjem ghat-trasport lejn il-Maghtab Earth Station. Jidher li l-prezz kien gie mrahhas minn Lm4.00 ghall-Lm3.50, u minn Lm2.00 ghall-Lm1.50.

Anthony Sant dam jippresta s-servizz ghal Maghtab sal-1995. Fil-fil-prezent dan is-servizz qed jigi pprestat minn Silver Star Transport u dan ghal garr ta' passigieri minn u ghal Maghtab, Benaghjsa u Wied Rini u dan ghal perjodu ta' sentejn. Qal li kien hemm tenders ohrajn ghal Wied Rini u ghal Benaghjsa li Anthony Sant ir-rikorrent fil-fatt kien rebah tlieta minnhom u pprezenta

dokumenti biex jipprova dan. Zied li Anthony Sant rebah tender ukoll ghal garr ta' personnel minn u ghal Branch Offices tal-kumpanija Maltacom u esebixxa dokument - letter of acceptance datata 18 ta' Mejju 1998.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li l-ilment tar-rikorrent ghandu zewg aspetti u cioe` dak ta' meta kellu kuntratt ma' certu Giljan li ma jiftakarx kunjomu u l-iehor fir-relazzjonijiet diretti tieghu mal-Maltacom p.l.c. (ghalkemm ir-rikorrent qatt ma talab il-korrezzjoni tal-okkju f' dan is-sens).

B' riferenza ghall-ewwel parti tal-ilment u cioe` r-relazzonijiet tieghu ma' dan Giljan hu car li ghalkemm ir-rikorrent ilmenta dwaru u anke ta diversi dettalji fl-affidavit dan certament jezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal ghax bla ebda dubju ta' xejn ma jista' qatt jinkwadra ruhu fit-termini tal-Att VIII tal-1997.

Dwar it-tieni parti tal-ilment u cioe` l-kuntratt ta' "locatio operis" moghti mit-Telemalta lir-rikorrent gie eccepiet li din ukoll tezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal. Fin-nota responsiva tieghu l-konsulent legali tar-rikorrent sostna li l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` intimata fid-9 ta' Frar 2001 hija tardiva minhabba li giet prezentata fi stadju avvanzat wisq fil-proceduri. Ikkunsidra li tali eccezzjoni hija ta' ordni pubbliku u li l-eccezzjoni li t-Tribunal m' ghandux gurisdizzjoni tista' titqajjem fi kwalunkwe stadju tal-process inkluz quddiem il-Qorti fejn hemm appell fi stadju ta' appell. Hu logiku li jekk it-Tribunal m'

ghandux kompetenza din ma tigix vestita fih billi l-proceduri jibqghu mexjin ‘il quddiem. Dan hu kaz totalment differenti minn nuqqas ta’ sollevar ta’ eccezzjoni li l-intimat gie notifikat bir-rikors tardivament jew ta’ xi korrezzjoni ta’ xi parti mir-rikors. Jekk it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni din ma tistax tigi sanata b’ebda passagg taz-zmien.

Nigu issa biex naraw jekk fil-fatt it-Tribunal kienx kompetenti jew le “ratione materiae” fuq l-ilment. Imkien ma jirrizulta minn ezami tal-Artikolu 6 tal-Kap 394 li “locatio operis” taqa’ fit-termini tat-Tribunal. Hawnhekk it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Joseph Barbara vs Med Serv Limited et deciza fl-10 ta’ Mejju, 1999 u sejjer jikkwota partijiet minnha:

“F’dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta’ l-Art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) (c) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-

kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi…

Dan l-ilment ghalhekk ma huwiex ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. L-istess pricipju gie applikat fil-kazi deciz mit-Tribunal fil-kaz ta' Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 li kien jikkoncerna hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni, fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances", fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna l-ghoti ta' medalja, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna kwistjoni dwar leave, J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna nuqqas ta' hlas ta' paga.

Differenti hu l-kaz ta' "Downgrading" li ghalkemm ma jissemmix specifikament dan it-Tribunal qiesu bhal ta' kompetenza tieghu fil-kawza fl-ismijiet M. Micallef vs Malta Shipbuilding Company Limited deciza fl-4 ta' Marzu 1999 minhabba li dan hu l-oppost ta' promozzjoni."

Meta wiehed ikun ezamina dan kollu ma jidhirx li b' xi mod l-ilment tar-rikorrent jinkwadra fit-termini tal-Kap. 394. Il-fatt li l-eccezzjoni tal-inkompetenza giet sollevata fi stadju daqshekk avvanzat ghandu pero` jigi kunsidrat ghall-iskop tal-kap tal-

ispejjez. Ghalhekk it-Tribunal jiddikjara ruhu inkompetenti "ratione valoris" u jilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta` intimata.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.